

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-26 ta' Novembru 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sofijski rayonen sad – il-Bulgarija) – pro'edura mibdija minn “DSK Bank” EAD, “FrontEx International” EAD**

(Kawża C-807/19) <sup>(1)</sup>

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Artikoli 3 u 6 sa 8 – Direttiva 2008/48/KE – Artikolu 22 – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklusi mal-konsumaturi – Evalwazzjoni ex officio mill-qorti nazzjonali – Proċedura nazzjonali għal ordni għal īlas)**

(2021/C 44/15)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

### **Qorti tar-rinviju**

Sofijski rayonen sad

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

“DSK Bank” EAD, “FrontEx International” EAD

### **Dispożittiv**

- 1) Id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lill-qorti nazzjonali, adita b'talba għal ordni għal īlas, milli ma twettaqx l-eżami tan-natura eventwalment inġusta ta' klawżola ta' kuntratt konkluż bejn bejiegh jew fornitur u konsumatur, minħabba diffikultajiet prattiċi, bħall-volum ta' xogħol li hija jkollha.
- 2) L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li qorti nazzjonali, adita b'talba għal ordni għal īlas, meta tippreżumi li din it-talba hija bbażata fuq klawżola inġusta li tinsab fil-kuntratt ta' self għall-konsum, fis-sens tad-Direttiva 93/13, tkun tista', fl-assenza ta' oppożizzjoni min-naħa tal-konsumatur, titlob lill-kreditur informazzjoni addizzjonali sabiex teżamina n-natura eventwalment inġusta ta' din il-klawżola.
- 3) L-Artikolu 3 u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13, moqrija flimkien mal-Artikolu 6 u l-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-kuntest tal-eżami ex officio tan-natura eventwalment inġusta tal-klawżoli f'kuntratt konkluż bejn bejiegh jew fornitur u konsumatur, li l-qorti nazzjonali twettaq sabiex tiddetermina l-eżistenza ta' żbilanċ sinjifikattiv bejn l-obblighi imposti fuq il-partijiet taħt dan il-kuntratt, dik il-qorti tista' tieħu inkunsiderazzjoni wkoll dispożizzjonijiet nazzjonali li jiżguraw protezzjoni iktar għolja lill-konsumaturi minn dik prevista mill-imsemmija direttiva.

<sup>(1)</sup> ĠU C 27, 27.1.2020

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-26 ta' Novembru 2020 (talba għal deciżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato – l-Italja) – Autostrada Torino Ivrea Valle D'Aosta – Ativa S.p.A. vs Presidenza del Consiglio dei Ministri, Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti, Ministero dell'Economia e delle Finanze, Autorità di regolazione dei trasporti**

(Kawża C-835/19) <sup>(1)</sup>

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Għot ta' kuntratti ta' konċessjoni – Direttiva 2014/23/UE – L-ewwel subparagraphu tal-Artikolu 2(1) – Artikolu 30 – Libertà tal-awtoritajiet kontraenti li jiddefinixxu u jorganizzaw il-proċedura li twassal għall-għażla tal-konċessjonarju – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tippojbxixxi l-użu tal-finanzjament ta' proġetti għall-kuntratti ta' konċessjoni ta' awtostrada)**

(2021/C 44/16)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### **Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Autostrada Torino Ivrea Valle D'Aosta – Ativa S.p.A.

Konvenuti: Presidenza del Consiglio dei Ministri, Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti, Ministero dell'Economia e delle Finanze, Autorità di regolazione dei trasporti

*fil-preżenza ta':* Autorità di bacino del Po, Regione Piemonte

## Dispożittiv

L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni, moqri flimkien mal-Artikolu 30 u mal-premessi 5 u 68 ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix dispożizzjoni nazzjonali li tipprobixxi lill-awtoritajiet kontraenti milli jagħtu konċessjonijiet ta' awtostradi li jkunu skadew jew li jkunu ser jiskadu billi jirrikorru għall-proċedura ta' finanzjament ta' proġetti prevista fl-Artikolu 183 tad-decreto legislativo n. 50 – Codice dei contratti pubbliċi (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 50 dwar il-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi), tat-18 ta' April 2016.

(<sup>1</sup>) ĠU C 161, 11.5.2020.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-28 ta' Ottubru 2020 – Archimandritis Sarantis  
Sarantos, Protopresbyteros Ioannis Fotopoulos, Protopresbyteros Antonios Bousdekis,  
Protopresbyteros Vasileios Kokolakis, Estia Paterikon Meleton, Christos Papasotiriou, Charalampus  
Andralis vs Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

(Kawża C-84/20 P) (<sup>1</sup>)

**(Appell – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Ċittadinanza tal-Unjoni – Tisħiħ  
tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa  
liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment  
liberu – Règlement (UE) 2019/1157 – Rikors għal annullament – Locus standi – Nuqqas ta' inċidenza  
individuali – Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea – Obbligu għal parti li  
tkun irrapreżentata minn avukat – Rikorrent, li barra minn hekk huwa avukat, li aġixxa f'ismu stess,  
billi ffirma huwa stess ir-rikors, mingħajr ma rrikorra għas-servizzi ta' avukat terz sabiex  
jirrapreżentah – Appell manifestament infondat)**

(2021/C 44/17)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

## Partijiet

Rikorrenti: Archimandritis Sarantis Sarantos, Protopresbyteros Ioannis Fotopoulos, Protopresbyteros Antonios Bousdekis, Protopresbyteros Vasileios Kokolakis, Estia Paterikon Meleton, Christos Papasotiriou, Charalampus Andralis (rappreżentant: C. Papasotiriou, dikigoros)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

## Dispożittiv

1. L-appell huwa miċħud bħala manifestament innammissibbli sa fejn ġie ppreżentat minn Christos Papasotiriou.
2. L-appell huwa miċħud bħala manifestament infondat sa fejn ġie ppreżentat minn Sarantis Sarantos, Ioannis Fotopoulos, Antonios Bousdekis, Vasileios Kokolakis, Estia Paterikon Meleton u Charalampus Andralis.